31992D0216

ID- DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-26 ta' Marzu 1992
fuq il-ġbir ta' data li tikkonċerna kompetizzjoni għall-equidae kif msemmi fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE

(92/216/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/428/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-kummerċ f'equidae maħsuba għall-kompetizzjonijiet u t-tfassil ta' kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fihom [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi hija r-responsabbilità ta' kull Stat Membru biex jinforma' l Kummissjoni bl-użu tal-possibilitajiet offruti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/428/KEE u biex jinforma' l Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħrajn bil-kriterji għad-distribuzzjoni tal-fondi provduti fit-tieni inċiż ta' l-imsemmi l-Artikolu 4(2);

Billi skond ir-regoli ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 90/428/KEE kull Stat Membru għandu l-ewwel jaħtar awtorità koordinatriċi responsabbli għall-ġbir tad-data neċessarja;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq iz-Zooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità koordinatriċi responsabbli għall-ġbir ta' data konċernata:

— kompetizzjonijiet kif riferuti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/428/KEE organizzata fit-territorju tagħha,

— il-kriterji għad-distribuzzjoni ta' fondi provduti fit-tielet subparagrafu tat-tieni inċiż ta' l-imsemmi l-Artikolu 4(2).

2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità koordinatriċi appuntata b'mod konformi mall-paragrafu 1. Fuq il-bażi ta' dawn il-komunikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tfassal lista ta' l-awtoritajiet koordinatriċi. Għandha tippubblika l-lista fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej* serje C.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 60.